# Dun Manwel Vella

## *100 sena mill-mewt tat-tieni Kappillan ta' Raħal Ġdid*



Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic.

Ma' sebħ is-seklu għoxrin, il-popolazzjoni ta' Raħal Ġdid bdiet tikber minn sena għall-oħra.[1] Għalhekk, fit-23 ta' Mejju 1905 saret petizzjoni lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi ffirmata minn 278 resident biex il-knisja ta' Sant'Ubaldeska ssir Viċi-Parroċċa ta' Ħal Tarxien.[2] Dan għax Raħal Ġdid kien qabeż lil Ħal Tarxien fil-popolazzjoni u l-Pawlisti kienu qed isibuha bi tqila jmorru bil-mixi sa Ħal Tarxien għal kull sagrament jew ħtieġa spiritwali.[3]

Fid-29 ta' Awwissu 1905, l-Arċisqof Pietru Pace ħareġ Digriet tat-twaqqif ta' din il-Viċi-Parroċċa b'Dun Salv Busuttil responsabbli għat-tmexxija tagħha.[4] Fi ftit żmien, din il-knisja saret ċentru ta' attivita liturġika u pastorali.

### Parroċċa ġdida

Iżda fi żmien erba' snin, il-għadd tan-nies f'Raħal Ġdid kiber għad-doppju ta' dak ta' Ħal Tarxien. Kien jidher ċar għalhekk li *Casal Paula* kellha tkun parroċċa għaliha. Wara talbiet li saru min-nies ta' Raħal Ġdid, l-Arċisqof Pace bi qbil mal-Kappillan Dun Franġisk Feliċ Attard ta' Ħal Tarxien, fis-26 ta' Ottubru 1909, fassal il-limiti tal-parroċċa l-ġdida ta' *Casal Paula*.[5] Saru l-preparamenti meħtieġa u fit-12 ta' Lulju 1910 l-Arċisqof Pietru Pace ħareġ id-Digriet li bih Raħal Ġdid ħa l-istat tiegħu bħala parroċċa.[6] Din il-parroċċa ġdida ġiet imsemmija għall-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[7] Dun Salv Busuttil inħatar Vigarju Kurat sakemm ikun maħtur l-ewwel kappillan għal din il-parroċċa.

F'din l-okkażjoni storika, żgur li man-nies ta' Raħal Ġdid, ġo qabru fil-Konkatidral ta' San Ġwann kien irxoxta bil-ferħ il-fundatur ta' *Casal Paula* - il-Gran Mastru de Paule. Il-kleru u l-poplu kienu laqgħu din id-deċiżjoni b'ferħ kbir.

F'Awwissu tal-1910, xahar wara l-ħruġ tad-Digriet tal-Parroċċa ta' Raħal Ġdid,



107
Anno Dñi 1881 Die 13 Augusti
Adm. Rev. Dñus Vicep. Can. Theol. Benja-
Emmanuel Vella — min Briffa baptizavit infantem heri na-
tum ex Joseph Vella & Raphaela Grech conj.
1906 Sacerdos — hujus paroeciae, cuique nomen imposuit
1914 Parochus Pagi — Emmanuel, Angelus, Joseph. Patrini fue-
Paula — re Angelus Grech Senglensis & Maria Concepta
1917 obiit — Camilleri e Conspicua.

*Ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' Manwel Vella fl-arkivju parrokkjali tal-Kolleġġjata tal-Isla.*



*Il-Kappillan Dun Manwel Vella.*

l-Arċisqof Pace ħatar lil Dun Salv Chircop bħala l-ewwel kappillan.[8] Dun Salv dam kappillan tal-Pawlisti sa Marzu tal-1914. Sitt xhur wara t-tluq tiegħu, il-kura spiritwali ta' din il-parroċċa żagħżugħa ġiet f'idejn Dun Manwel Vella.

## Iben l-Isla

Iben Ġużeppi u Raffaela imwielda Grech, Manwel twieled l-Isla fit-12 ta' Awwissu 1881. L-għada ta' twelidu, huwa ġie meħud fil-Knisja Kolleġġjata ddedikata lil Marija Bambina fejn il-Kanonku Teologu Dun Benjamin Briffa, Viċi-Parroku tal-Kanonku Arċipriet Dun Franġisk Colombo, sawwab fuqu l-ilma mqaddes fis-sagrament tal-Magħmudija. Flimkien ma' Manwel, l-isem li bih kellu jiġi msejjaħ, huwa ġie msemmi wkoll Anġlu u Ġużeppi. Il-parrini tiegħu f'dan is-sagrament kienu Anġlu Grech mill-Isla u Marija Konċetta minn Bormla.[9]

Wara li ħassu msejjaħ għall-ħajja saċerdotali, huwa daħal fis-seminarju minfejn irċieva l-formazzjoni meħtieġa. Manwel ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1906.[10] Bejn l-4 u l-10 ta' Lulju 1907, flimkien ma' tlieta minn sħabu (Dun Ġużepp Darmanin mill-Isla, Dun Ġużepp Psaila Cumbo minn Tas-Sliema, u Dun Manwel Zammit mis-Siġġiewi) huwa qagħad għall-eżamijiet finali u ġew approvati.[11] Fl-10 ta' Awwissu 1907 Dun Manwel kiseb il-lawrja prestiġġjuża ta' Dottorat fid-Divinità.[12]

Fl-1908, waqt li kien qed jaħdem partoralment fil-parroċċa tal-Isla, allura fil-bidu tal-parrokkat tal-Kanonku Arċipriet Dun Ġużepp Adami, is-saċerdot żagħżugħ Dun Manwel Vella, ġabar madwaru għadd ta' rġiel u nisa u ħajjarhom jiffurmaw flimkien il-*Lega Ewkaristika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù*. Meta, fid-19 ta' Dicembru, 1908, saret l-ewwel seduta, kien hemm 17-il persuna li daħlu fiha. Mill-bidunett kien hemm żewġ skopijiet: (i) adorazzjoni ewkaristika u (ii) okkażjoni għall-membri biex jitgħallmu aħjar id-dmirijiet tagħhom.[13] Għal din il-Lega, is-sena 1913, li hi sena importanti għal kull devozzjoni ewkaristika għaliex f'Malta ġie ċċelebrat il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali bejn it-22 u s-27 ta' April, hija dik tal-approvazzjoni tagħha. B'hekk, il-Lega, li fis-16 ta' Lulju 1914 ġiet affiljata mal-Arċisodalità ta' San Ġwakkin f'Ruma u stgħaniet b'ħafna benefiċċji spiritwali, kienet it-tifkira fl-Isla tal-Kungress Ewkaristiku.[14]

## Kappillan f'Raħal Ġdid

Wara tmien snin ta' ħidma pastorali eżemplari, Dun Manwel ġie msejjaħ minn Mons. Pietru Pace, Arċisqof ta' Malta, biex issa jibda jaqdi l-ministeru saċerdotali bħala ragħaj spiritwali fil-parroċċa ta' Rahal Ġdid. Hu beda l-parrokat tiegħu fit-30 ta' Settembru tal-1914.

Sfortunatament, is-sena li fiha Dun Manuel beda l-missjoni pastorali tiegħu f'Raħal Ġdid rat il-bidu tal-ewwel gwerra dinjija fit-28 ta' Lulju 1914. L-għada, 29 ta' Lulju 1914, il-knisja f'Malta ġarrbet it-telfa ta' Mons. Arċisqof Pietru Pace wara 25 sena ragħaj spiritwali fid-djoċesi ta' Malta. Għalhekk, u minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kappillan Vella ma għamilx stedin uffiċjali għall-pussess tiegħu, anzi, l-funzjoni tal-pussess kienet nieqsa ħafna mill-pompa tas-soltu. Minkejja dan, huwa laqa' lil min ried iżuru fid-dar tiegħu f'numru 40, Pjazza Paola.[15]

## Imut qabel mistenni

Bħal ħalliel li jfittex is-satra tal-lejl biex iwettaq il-ħsibijiet ħjiena tiegħu, hekk il-mewt għażlet li taħsad minn fostna l-ħajja ta' Dun Manwel fit-tieni siegħa tat-Tlieta, 9 ta' Jannar

1917, f'numru 29, Pjazza Paola, Raħal Ġdid.[16] Bil-mewt tiegħu, luttu kbir niżel fuq il-kleru kollu tad-djoċesi Maltija. Kien luttu krudil daqskemm kienet żagħżugħa u promettenti l-ħajja hekk imtemma bikri. Daqstant ieħor kiebi kien in-niket li keffen lill-parruċċani ta' Raħal Ġdid, li hekk kif iċċelebraw il-festi tal-Milied, il-ferħ tagħhom inbidel f'diqa għaliex, Dun Manwel, fl-età ta' 36 sena, ġie maħtuf minn fosthom wara biss sentejn u erba' xhur li fihom huma tgħallmu jħobbuh bħal missier, iqimuh bħal mgħallem, u jsegwuh bħal mexxej.

Umli, dħuli, karitatevoli u ntelligenti, Dun Manwel ipprietka bil-kelma u wisq aktar bl-eżempju, u ġabar frott fejjiedi mill-vinja fdata lilu. Hu li seta' jilmaħ it-tmiem tiegħu joqrob, hekk maqbud minn marda qalila, stenna b'rassenjazzjoni l-laqgħa tiegħu mal-mewt, filwaqt li talab lil Alla għall-ġid tal-parruċċani tiegħu. Imsaħħaħ mid-dilka tal-griżma li l-Knisja toffri lill-morda tagħha, l-bniedem ta' Alla, ħalla f'wied ta' dmugħ lill-ġenituri tiegħu, lil qrabatu,[17] u lill-parroċċa kollha ta' Raħal Ġdid.



*Il-qabar tal-familja Vella fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.*

Il-parroċċa ta' Raħal Ġdid sellmet lit-tieni kappillan tagħha waqt funeral li sarlu jumejn wara fil-knisja parrokkjali tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Wara, huwa ndifen f'wieħed mill-oqbra li s-Sodalità tal-Kleru tal-Parroċċa tal-Isla kellha fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, fil-post magħruf bħala 'z-Zuntier tal-Isla'.[18] Fis-7 ta' Jannar 1920, tliet snin wara mewtu, il-fdalijiet tiegħu kien ttrasportati għall-qabar tal-familja Vella fejn għadhom jinsabu sal-lum.[19]

## Tislima aħħarija

It-tagħrif bijografiku dwar il-Kappillan Dun Manuel Vella huwa nieqes ħafna. Għalkemm ħajtu f'din id-dinja kienet biss ta' 36 sena, kien saċerdot li laqa', b'qalbu kollha, s-sejħa tal-Imgħallem Divin, ħaddanha b'idejh miftuħa u ħaddimha b'żelu liema bħalu. B'hekk huwa sar qassis għall-artal, qassis fil-konfessinarju, qassis qalb il-parruċċani tiegħu ... mudell għalliemi għas-saċerdoti fil-ħidma tagħhom biex itemmu l-missjoni li rċevew.[20]

Il-kelmiet mimlija mħabba u emozzjoni li ħabib tiegħu Senglean bagħat lill-ġurnal *Malta Tagħna*,[21] joqogħdu tajjeb ferm bħala għeluq ta' din it-tislima xierqa tagħna lil Dun Manuel Vella, fil-mitt sena minn mewtu:

*"Għażiż Dun Manwel! Ma kellix kuraġġ li niġi fuq il-qabar tiegħek fil-ħin tad-difna sabiex lilek inxarrab bid-dmugħ li minn għajnejja ma jistax jiċċassa, għalhekk maħbub Dun Manwel, ħallini nisfoga id-dwejjaq tiegħi.*

*Għażiż Dun Manwel! Inti spiċċajt minn fostna. Ah... le, ma spiċċajtx. L-isem, l-opri tal-għaġeb minnek magħmula ma jintesew qatt.*

*Għażiż Dun Manwel! Inti kont żgħir fl-età imma kbir fis-serjetà, fiż-żelu, fil-virtù u fl-edukazzjoni u fost kollox fl-eżempji.*

*Għażiż Dun Manwel! Inti kont tassew il-veru saċerdot u l-veru kappillan. Għal dan, bir-raġun, il-belt invitta tagħna, fejn inti twelidt u r-raħal fejn kont kappillan, ma jistgħux itaffu d-dulur li ħassew meta jiftakru fit-telfa tiegħek.*

*Għażiż Dun Manwel! Bir-raġun, iva, lilek sar dak il-funeral li rari hawn f'Malta saru u jistgħu jsiru bħalu. Bir-raġun in-nies tar-Raħal Ġdid, sija sinjuri kemm foqra ma jistgħux jiċċassaw mid-dmugħ.*

*Ħallini, ħallini, o ħelu Dun Manuel! Ħallini noffrilek din il-vjola bid-dmugħ imxarrba. Le, le, ma ninsik qatt! Il-preżenza nobbli u sinjurili tiegħek tipika, dejjem quddiem għajnejja.*

*Għażiż Dun Manwel! Sabbar lill-ġenituri tiegħek, lil ħutek, lill-familja kollha li ma tistax issib paċi. Fost kollox sabbar lill-maħbub ziju Dun Ġwakkin, Arċipriet tal-Birgu. Kif aħna nfurmati, dan għamel kemm seta' sabiex lilek ifejjaq, u meta ra li xejn ma serva li għamel, ried jisfoga l-imħabba tiegħu lejk, bil-funeral li bil-koperazzjoni tiegħu lilek sar.*

Għażiż Dun Manwel! Itlob 'l Alla sabiex fil-parroċċa ta' Raħal Ġdid, jaħtar kappillan li jekk ma jkunx sew sew bħalek, almenu li jkun jixbhek.

Fl-aħħar sabbar lill-għażiż ħabib tiegħek."




*Kartolina ta' tifkira fil-funeral li sar fl-Isla fil-11 ta' Settembru 1917 lil Dun Manwel Vella, promutur u l-ewwel Direttur tal-Lega Ewkaristika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Fir-ritratt jidher it-tubru armat fl-Oratorju tal-Kandlora.*

**Referenzi**

[1] Fra Antonio de Paule, it-tlettax-il Gran Mastru f'dawn il-gżejjer li saltan mill-1622 sal-1635, barra li hu l-fundatur u l-bennej ta' *Casal Paula*, huwa wkoll l-ewlieni li ta bidu għat-tisħiħ ta' ħajja soċjali u ambjent pastorali f'dan ir-raħal. Minkejja li n-nies ma kellhomx bogħod ta' aktar minn tliet kwarti ta' mil mill-knisja ta' Ħal Tarxien, de Paule mill-ewwel ħa ħsieb li jibni knisja għal ftit nies li f'dak iż-żmien kienu jgħixu f'dan ir-raħal. B'hekk, hu ta l-ewwel pass għall-identità ċivili u parrokkjali f'*Casal Nuovo*. Il-Ħadd, 25 ta' Awwissu, 1630, b'sollennità u pompa kbira, quddiem ħafna kbarat tal-Ordni u kotra ta' nies, il-Gran Mastru de Paule qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja, li kif tgħid l-ittra tal-Papa Urbanu VIII tal-31 ta' Lulju, 1629, tinsab *"Fil-belt imsejħa Paola li qiegħda fl-art tal-Ordni u fl-inħawi msejħa Malta."* Skont xewqet il-Gran Mastru, il-knisja ssemmiet għal Santa Ubaldeska, qaddisa li lejha de Paule kellu tant devozzjoni. (Ellul Galea, A., *Raħal Ġdid*, Malta, 2009, p. 11)

[2] Vella, E. B., *Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid (Pawla)*, Malta, 1932, p. 227.

[3] Saħansitra anke Dun Franġisk Feliċ Attard, Kappillan ta' Ħal Tarxien, li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu kien jaqa' Raħal Ġdid, fis-7 ta' Marzu 1905 kien talab lill-Isqof biex ikun jista' jagħmel użu minn din il-knisja u biex minnha jamministra s-sagramenti. (Vella, *op. cit.*, p. 227)

[4] Mons. Isqof Pace, waqt żjara li huwa kien għamel lill-knisja f'Settembru, 1901, kien ippropona li l-kwadru tat-titular ikun juri l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. (*Malta Tagħna*, 29 ta' Ġunju 1901, p. 2) Il-Knisja kellha d-drittijiet u d-dmirijiet kollha li jmissu Viċi-Parroċċi bħalha, mingħajr dannu għad-drittijiet ta' Ħal Tarxien bħala Parroċċa. Il-Viċi Kappillan kellu d-dmir li jieħu ħsieb spiritwali tal-komunità Nisranija ta' Raħal Ġdid, li kien jinkludi li joqgħod f'Raħal Ġdid, u li fil-Ħdud kollha u fil-festi tal-preċett għandu jqaddes filgħodu

u jagħti t-tagħlim tad-duttrina Nisranija waranofsinhar. (*Archivum Archiepiscopale Melitensis*, *Editti/Pace*, Vol. 35, nru. 28, 29 ta' Awwissu 1905)

[5] Meta Dun Franġisk Feliċ Attard, imwieled l-Isla fl-1845, inħatar Kappillan ta' Ħal Tarxien fl-1876, il-popolazzjoni tar-raħal kienet tlaħħaq it-800, jew aħjar 300 aktar minn dik ta' Raħal Ġdid. Iżda fl-1901, l-għadd ta' abitanti f'Ħal Tarxien tela' għal 2065, filwaqt li f'Raħal Ġdid kienu jgħixu 2812 ruħ. Dawn il-figuri ssoktaw jikbru. (Ellul Galea, A., "Dun Franġisk Feliċ Attard," f'*Is-Saltna*, nru. 212, Settembru 2009, p. 2)

[6] *Archivum Archiepiscopale Melitensis*, *Editti/Pace*, Vol. 35, nru. 46, 12 ta' Lulju 1905. Fid-Digriet iffirmat mill-Kanċillier tal-Kurja l-Kanonku Lwiġi M. Camilleri, l-Isqof Pace spjega li Raħal Ġdid kien 'il bogħod wisq minn Ħal Tarxien, li l-għadd ta' nies kien kiber ġmielu u diġà kienu kabbru l-knisja Viċi-Parroċċa ta' Santa Ubaldeska. Għalhekk huwa, bis-setgħa mogħtija lilu bħala Delegat Appostoliku, fired lil Raħal Ġdid u waqqfu bħala parroċċa taħt l-isem tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, b'kull dmir u dritt li jmissu lill-knisja parrokkjali. L-isqof ħeġġeġ lin-nies tal-parroċċa l-ġdida biex jaqdu dmirijiethom ta' parruċċani tajba. B'hekk, Raħal Ġdid kien sar indipendenti mill-Parroċċa ta' Ħal Tarxien li issa kienet saret Matriċi.

[7] Biex aktar tinxtered u tissaħħaħ id-devozzjoni lejn it-titular il-ġdid mill-ewwel ħasbu għal kwadru b'pittura tal-Qalb ta' Ġesù għal fuq l-artal maġġur. Il-kwadru tpitter mill-Prof. Lazzaro Pisani. Il-pittura tirrappreżenta lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù bil-Madonna fuq naħa u San Pietru fuq l-oħra. San Ġwann l-Appostlu jidher qed iserraħ rasu fuq spallejn Ġesù. F'riġlejh hemm Santa Marija ta' Magdala mixħuta għarkopptejha b'devozzjoni. Fuq il-blat tidher nixxiegħa żgħira tfawwar il-grazzji fuq l-umanità. Taħt hemm figuri li jirrappreżentaw lid-devoti, imlibbsin b'kostumi folkloristiċi tal-1911, minn diversi oqsma u etajiet tas-soċjetà Maltija. Dan il-kwadru ġie inawgurat nhar il-festa titulari f'Ġunju 1911. (Pellegrini, V. M., 'Pisani Masterpiece in St Ubaldesca Church,' f'*The Sunday Times*, 24 ta' Awwissu 1980, p. 10)

[8] *Malta Tagħna*, 13 ta' Awwissu 1910, p. 3.

[9] Parroċċa Senglea, *Liber Baptizatorum*, Vol. XIV, p. 107.

[10] *Archivum Archiepiscopale Melitensis*, Reġistru tal-Ordinazzjonijiet Klerikali, 1903-1915, p. 30.

[11] Università ta' Malta, *Annual Report* 1907-1908, Biblijoteka Nazzjonali, GR 43-5, M3 para.s 11-12.

[12] Università ta' Malta, *Annual Report* 1907-1908, Biblijoteka Nazzjonali, GR 43-5, M3 para.13.

[13] Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Malta, 1991, p. 218.

[14] *Ctieb tas-S. Lega Eucaristica tal-Kalb SS. Ta' Ġesù: imwakfa fil-Basilica u Insigni Collegiata tal-belt tal-Isla*, 1928, p. 42.

[15] *Malta Tagħna*, 3 ta' Ottubru 1914, p. 2.

[16] Parroċċa Raħal Ġdid, *Liber Defunctorum*, Vol. 1, p. 191.

[17] Tajjeb jingħad li fost qrabatu kien hemm il-Kanonku Dun Ġwakkin Grech, Kappillan fil-Ħamrun għal ftit xhur fl-1896 u Arċipriet tal-Birgu mill-1897 sa mewtu fl-1924; u Mro. Gejtanu Grech, kompożitur u surmast ta' diversi baned f'Malta u Għawdex.

[18] Dan il-qabar kien dak li jinsab fid-Diviżjoni Punent K-A-55. (Arkivju Ċimiterju Santa' Marija Addolorata)

[19] Dan il-qabar huwa dak li jinsab fid-Diviżjoni Punent X-D-36. (Arkivju Ċimiterju Santa' Marija Addolorata)

[20] *La Diocesi*, Anno I, nru. 9, 7 ta' Frar 1917, p. 294.

[21] *Malta Tagħna*, 27 ta' Jannar 1917.




PVC Pipe Centre

Electrical Plumbing & Ironmongery Store

26 Paola Hill, Paola Tel/Fax: 21 693967